

Brussell, 10 ta' Settembru 2026
(OR. en)

13008/26

COPEN 325
JAI 1123
EUROJUST 50
CYBER 362
DROIPEN 134
ENFOPOL 309
TELECOM 418
EJUSTICE 37
MI 867
CT 104
DATAPROTECT 268

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	10 ta' Settembru 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 459 final
Suġġett:	Rakkomandazzjoni għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għal ftehimiet bejn l-Unjoni u l-Bolivja, il-Kanada, iċ-Ċili, il-Costa Rica, l-Ekwador, il-Panama, il-Perù u l-Emirati Għarab Magħquda dwar kooperazzjoni bejn l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust) u l-awtoritajiet kompetenti għall-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali ta' dawk l-Istati terzi

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2026) 459 final.

Mehmuż: COM(2026) 459 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.9.2026
COM(2026) 459 final

Rakkomandazzjoni għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għal ftehimiet bejn l-Unjoni u l-Bolivja, il-Kanada, iċ-Ċili, il-Costa Rica, l-Ekwador, il-Panama, il-Perù u l-Emirati Għarab Magħquda dwar kooperazzjoni bejn l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust) u l-awtoritajiet kompetenti għall-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali ta' dawk l-Istati terzi

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAR-RAKKOMANDAZZJONI

• Raġunijiet u objettivi tar-rakkomandazzjoni

F'dinja globalizzata fejn ir-reati serji u t-terroriżmu huma dejjem aktar transnazzjonali u polivalenti, jenħtieġ li l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji jkunu mgħammra bis-sħiħ biex jikkooperaw ma' sħab esterni biex jiżguraw is-sigurtà taċ-ċittadini tagħhom. Konsegwentement, jenħtieġ li r-rwol tal-Eurojust bħala faċilitatur tal-kooperazzjoni ġudizzjarja ma' pajjiżi terzi jiġi żviluppat aktar peress li tali kooperazzjoni hija essenzjali biex tinġabar evidenza għal prosekuzzjonijiet b'suċċess u biex il-membri tan-networks kriminali jittressqu quddiem il-ġustizzja. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni bħalissa qed tirrevedi l-mandat tal-Eurojust biex tkompli ssaħħa ir-rwol u l-appoġġ tagħha lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fl-iffaċilitar tal-kooperazzjoni ġudizzjarja ma' pajjiżi terzi.

L-importanza tal-iskambju ta' informazzjoni u l-kollaborazzjoni mill-qrib mal-imsieħba internazzjonali ġiet enfasizzata b'mod konsistenti fid-diversi strateġiji u pjani ta' azzjoni adottati mill-Kummissjoni Ewropea f'dawn l-aħħar snin. Pereżempju, *l-Istrateġija tal-UE biex tiġi miġġielda l-Kriminalità Organizzata (2021-2025)*¹ tenfasizza l-komplessità dejjem akbar ta' gruppi kriminali ġodda u l-istrutturi tranżnazzjonali tagħhom ibbażati fuq in-network. *L-Istrateġija ta' Sigurtà Interna ProtectEU*² ppreżentata fl-1 ta' April 2025, għandha l-għan li tgħaqqad l-oqfsa ta' sigurtà eżistenti filwaqt li tkompli ssaħħa il-kapaċità tal-Eurojust li tiġġieled il-kriminalità transfruntiera serja u tespandi s-sett ta' għodod operazzjonali tagħha.

Sabiex dawn il-kompiti jitwettqu b'mod effettiv, jenħtieġ li l-kooperazzjoni tal-Eurojust ma' pajjiżi barra mill-Unjoni Ewropea tissaħħa aktar permezz tal-konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali li jtejb u l-kollaborazzjoni ġudizzjarja mal-Aġenzija. Dawn il-ftehimiet jagħtu kontribut partikolarment sinifikanti għall-ġlieda kontra l-kriminalità transnazzjonali, peress li jippermettu l-iskambju rapidu ta' data personali u l-issekondar ta' Prosekutur ta' Kollegament mill-pajjiż sieħeb għall-Eurojust. Tali miżuri jipprovdu lill-Eurojust b'għodod essenzjali biex tintensifika l-kooperazzjoni operazzjonali, bħal skwadri ta' investigazzjoni konġunta, mas-sħab internazzjonali tagħha. L-Eurojust għandha 12-il ftehim ta' kooperazzjoni fis-seħħ li jippermettu skambji sistematiki ta' data personali, mal-Montenegro, l-Ukrajna, il-Moldova, il-Liechtenstein, l-Iżvizzera, il-Maċedonja ta' Fuq, l-Istati Uniti tal-Amerka, l-Iżlanda, in-Norveġja, il-Georgia, l-Albanija u s-Serbja. Skont l-Artikolu 80(5) tar-Regolament 2018/1727³ (ir-Regolament dwar il-Eurojust), dawn il-ftehimiet ta' kooperazzjoni jibqgħu validi.

Mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament dwar l-Eurojust fit-12 ta' Diċembru 2019 u skont it-Trattat, il-Kummissjoni kienet responsabbli, f'isem l-Unjoni, għan-negozjar ta' ftehimiet internazzjonali ma' pajjiżi terzi dwar il-kooperazzjoni mal-Eurojust. Filwaqt li l-Eurojust tista' tistabbilixxi u żżomm b'mod indipendenti relazzjonijiet kooperattivi ma' sħab esterni permezz ta' arranġamenti ta' ħidma, f'konformità mal-Kapitolu V tar-Regolament, dawn l-

¹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni – Strateġija tal-UE biex tiġi miġġielda l-Kriminalità Organizzata 2021-2025 (COM(2021) 170 final).

² Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ProtectEU: Strateġija Ewropea ta' Sigurtà Interna (Com(2025) 148 final).

³ Ir-Regolament (UE) 2018/1727 tal-14 ta' Novembru 2018, ĠU L 295, p. 138, 21.11.2018. Ara 12-il ftehim ta' kooperazzjoni, <https://www.eurojust.europa.eu/states-and-partners/third-countries/agreements-cooperation>.

arranġamenti waħedhom ma jipprovdux bażi legali għall-iskambju ta' data personali operazzjonali. Dawn jippermettu lill-Eurojust tibda kuntatti istituzzjonali mal-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi sħab iżda waħedhom mhumiex biżżejjed biex jippermettu kooperazzjoni ġudizzjarja effettiva.

Huwa għalhekk li, fl-1 ta' Marzu 2021, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tinneogzja ftehimiet internazzjonali ma' 13-il Stat terz (*l-Alġerija, l-Arġentina, l-Armenja, il-Bożnija-Herzegovina, il-Brażil, il-Kolombja, l-Eġittu, Iżrael, il-Ġordan, il-Libanu, il-Marokk, it-Tuneżija u t-Turkija*) dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja bejn l-Eurojust u l-awtoritajiet kompetenti ta' daww l-Istati. Minn dak iż-żmien 'l hawn, l-Unjoni Ewropea kkonkludiet ftehimiet mal-Armenja⁴, mal-Bożnija-Herzegovina⁵, kif ukoll mal-Libanu⁶. Barra minn hekk, in-negożjati mal-Alġerija nġhalqu, wara li ntlaħaq qbil dwar it-test fil-Kunsill fil-livell tekniku f'Marzu 2026. Il-Kummissjoni ffinalizzat in-negożjati mal-Kolombja f'Ġunju 2026. Id-dispożizzjonijiet li jkopru l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit u l-Eurojust huma parti mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni (FKK)⁷.

Filwaqt li tqis l-istrategġija politiki, il-ħtiġijiet operazzjonali tal-awtoritajiet ġudizzjarji madwar l-Unjoni Ewropea u l-benefiċċji potenzjali ta' kooperazzjoni aktar mill-qrib globalment, il-Kummissjoni tqis li huwa meħtieġ li tintalab awtorizzazzjoni biex jiġu nnegożjati ftehimiet internazzjonali ma' pajjiżi terzi oħra sabiex tissaħħaħ il-kooperazzjoni tal-Eurojust mal-awtoritajiet kompetenti tagħhom fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati transfruntiera serji. Ir-raġunijiet għaliex il-Kummissjoni qed tipproponi t-tmien pajjiżi (il-Bolivja, il-Kanada, iċ-Ċili, il-Costa Rica, l-Ekwador, il-Panama, il-Perù u l-Emirati Għarab Magħquda (EGħM)) huma minħabba l-valutazzjoni tagħha tal-pajjiżi ta' prijorità skont il-kriterji li ġejjin:

Kriterju essenzjali huwa **l-ħtieġa operazzjonali** tal-Eurojust kif stabbilit fl-Istrategġija tagħha dwar il-Kooperazzjoni mas-Sħab Internazzjonali 2024-2027⁸. F'dik l-Istrategġija, ippreżentata lill-Kummissjoni għal rieżami skont l-Artikolu 52(1) tar-Regolament dwar l-Eurojust, l-Eurojust identifikat ħtieġa operazzjonali partikolari għal kooperazzjoni mal-Bolivja, l-Ekwador, il-Messiku, in-Niġerja, il-Perù u l-Emirati Għarab Magħquda. Il-Kanada, il-Panama u l-Emirati Għarab Magħquda kienu diġà ġew identifikati fl-Istrategġija preċedenti tal-Eurojust (2020-2024) u r-rilevanza operazzjonali tagħhom ġiet imtennija fl-aħħar Strategġija. Valutazzjonijiet ulterjuri tal-Eurojust indikaw ħtieġa operazzjonali li tissaħħaħ il-kooperazzjoni ma' pajjiżi addizzjonali, inklużi iċ-Ċili u l-Costa Rica. Għal dawn iż-żewġ pajjiżi, l-Eurojust identifikat tkabbir esponenzjali fl-għadd ta' talbiet għal koordinazzjoni u kooperazzjoni ġudizzjarja, li żdied minn 5 fl-2024 għal 27 fl-2025. L-għadd ta' każijiet kumplessi (jiġifieri daww li jeħtieġu diversi laqgħat ta' koordinazzjoni jew l-istabbiliment ta' skwadri ta' investigazzjoni konġunti) żdied ukoll b'mod simili, minn żero fl-2023 għal sitta fl-2025.

⁴ Iffirmati fil-5 ta' April 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni ta' Konklużjoni tiegħu fl-10 ta' Ottubru 2024, ĠU L 31.10.2004 -Lex [EUR-Lex - 22024A02737 - MT - EUR-Lex](#).

⁵ Iffirmati fit-28 ta' Ottubru 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni ta' Konklużjoni tiegħu fl-14 ta' April 2025, ĠU L, 7.5.2025 https://eur-lex.europa.eu/eli/agree_internation/2025/867/oj/eng.

⁶ Iffirmata fit-2 ta' Diċembru 2025, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni ta' Konklużjoni tiegħu fl-4 ta' Ġunju 2026, ĠU L 3.7.2026 <http://data.europa.eu/eli/dec/2026/1522/oj>.

⁷ Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni (FKK) bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Energġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, ĠU L 149, 30.4.2021, [https://eur-lex.europa.eu/eli/agree_internation/2021/689\(1\)/oj](https://eur-lex.europa.eu/eli/agree_internation/2021/689(1)/oj)

⁸ <https://www.eurojust.europa.eu/states-and-partners/third-countries/strategy-cooperation-international-partners>.

Kriterju ieħor huwa l-**interess tal-pajjiż terz** li jikkonkludi ftehimiet bħal dawn. F'dan ir-rigward, l-interazzjonijiet reċenti f'livell għoli juru interess partikolarment qawwi fin-negozjar ta' ftehim dwar il-kooperazzjoni mal-Eurojust mill-Kanada, iċ-Ċili, il-Costa Rica, l-Ekwador, il-Panama, il-Perù u l-Emirati Għarab Magħquda.

Kriterju **strateġiku** essenzjali huwa li tissaħħaħ il-kooperazzjoni ma' daww il-pajjiżi terzi li jista' jkollhom impatt sinifikanti fuq is-sigurtà Ewropea. Dan jista' jirriżulta minn kunsiderazzjonijiet ġeografiċi jew strateġiċi, bħal fil-każ tal-pajjiżi tal-Amerka Latina, biex jiġi indirizzat it-theddid kondiviż għas-sigurtà, b'mod partikolari fl-oqsma tal-kriminalità organizzata, it-traffikar tad-droga, u ċ-ċiberkriminalità, kif spjegat il-Kummissjoni fl-Istrateġija ta' Sigurtà Interna tagħha "ProtectEU"⁹. L-utilità operazzjonali tista' tirriżulta wkoll minn interess reċiproku, b'mod partikolari fejn diġà hemm fis-seħħ kooperazzjoni effettiva. Pereżempju, il-Kanada tirċievi volum għoli ta' talbiet mill-Istati Membri għal assistenza ġudizzjarja, li jirrifletti l-importanza tagħha bħala sieħeb fit-trattament ta' każijiet transfruntiera.

L-Amerka Latina tirrappreżenta l-akbar parti tal-pajjiżi proposti. Dan huwa konsistenti mhux biss mal-Istrateġija ta' Sigurtà Interna tal-UE "ProtectEU", iżda wkoll mal-prijorità indikata mill-Eurojust stess (fl-Istrateġija Internazzjonali tagħha) u permezz tal-iffirmar ta' diversi Arranġamenti ta' Ħidma b'mod partikolari ma' pajjiżi tal-Amerka Latina¹⁰, inkluż mas-sitt pajjiżi kollha tal-Amerka Latina koperti minn din ir-Rakkomandazzjoni. Barra minn hekk, l-Eurojust iffirmat Arranġament ta' Ħidma man-network reġjonali, l-Assoċjazzjoni Ibero-Amerikana tal-Prosekuturi Pubbliċi (AIAMP), li tirrappreżenta 22 Ministeru Pubbliku Ibero-Amerikan, u Memorandum ta' Qbil man-Network Ibero-Amerikan ta' kooperazzjoni legali internazzjonali (IberRed), li jagħti aċċess għall-Iber @ Secure Communication System. Permezz ta' dawn l-isforzi, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għandha l-għan li tappoġġa l-ġlieda kontra l-kummerċ internazzjonali tad-droga li joriġina mill-Amerka t'Isfel, li qed jaffettwa dejjem aktar is-sigurtà tal-Unjoni Ewropea¹¹.

Fattur importanti ieħor huwa jekk hemmx biżżejjed **konverġenza regolatorja** mal-pajjiż terz biex tippermetti kooperazzjoni operazzjonali mal-aġenziji tal-Unjoni Ewropea. Dan jikkonċerna, b'mod partikolari, l-aderenza mal-istat tad-dritt, id-drittijiet fundamentali (inkluża l-projbizzjoni tal-piena tal-mewt), u l-istandards tal-protezzjoni tad-data. Fost il-pajjiżi tal-ogħla rilevanza operazzjonali jew interess għall-kooperazzjoni mal-Eurojust, jenħteġ li tingħata prijorità lil daww li juru livell għoli ta' konverġenza jew daww fil-proċess tal-allinjament tal-istandards tagħhom mal-Unjoni Ewropea (b'mod partikolari mad-Direttiva dwar l-Infurzar tal-Liġi¹²) u dawn jinkludu l-Kanada, iċ-Ċili, il-Costa Rica, il-Panama u l-Perù.

Fl-aħħar nett, fattur ewlieni huwa li tiġi żgurata l-**konsistenza** fir-relazzjonijiet **tal-aġenziji u l-korpi** tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni (ĠAI) ma' pajjiżi terzi, b'mod partikolari fost l-Europol, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) u l-Eurojust. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni fl-Istrateġija ta' Sigurtà Interna tagħha *ProtectEU*¹³ tenfasizza l-azzjoni li se

⁹ Ara aktar 'il fuq, Nota tal-qiegħ il-paġna 2.

¹⁰ <https://www.eurojust.europa.eu/states-and-partners/third-countries/working-arrangements>.

¹¹ Ara f'dan il-kuntest il-Konklużjoni tal-Kunsill tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni (ĠAI), it-12 / it-13 ta' Ġunju 2024. Barra minn hekk, id-Dikjarazzjoni ta' Venezja tal-Laqqha tal-Ministri tal-G7 dwar il-Ġustizzja, id-9 u l-10 ta' Mejju 2024.

¹² Id-Direttiva (UE) 2023/977 dwar l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2006/960/ĠAI, ĠU L 134, 22.5.2023 <http://data.europa.eu/eli/dir/2023/977/oj>.

¹³ Ara aktar 'il fuq, Nota tal-qiegħ il-paġna. 2.

tinnegozja fid-dawl ta' "ftehimiet internazzjonali konklużivi bejn l-UE u pajjiżi terzi ta' prijorità dwar il-kooperazzjoni mal-Europol u l-Eurojust". Fl-2023, il-Kunsill kien awtorizza lill-Kummissjoni biex tinnegozja ftehimiet internazzjonali dwar il-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi bejn l-Europol u l-Bolivja, l-Ekwador, il-Messiku, il-Perù u l-Brażil, pajjiżi li mhumex koperti mid-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-2021, li tawtorizza li jiġu nnegożjati ftehimiet dwar il-kooperazzjoni mal-Eurojust. L-Unjoni Ewropea ffirmat ftehimiet internazzjonali dwar il-kooperazzjoni bejn l-Europol u l-awtoritajiet tal-pulizija tal-Ekwador¹⁴ u l-Brażil, li jinsabu fil-proċess li jiġu konklużi. Huwa pass loġiku li jmiss li l-Kummissjoni tingħata awtorizzazzjoni biex tinnegozja ftehimiet mal-Bolivja, il-Kanada, iċ-Ċili, il-Costa Rica, il-Panama, il-Perù u l-Emirati Għarab Magħquda dwar il-kooperazzjoni mal-Eurojust, u b'hekk tkompli tissimplifika u ssaħħa l-infurzar u l-kooperazzjoni ġudizzjarja bl-istess mod.

Bl-applikazzjoni ta' dawn il-kriterji, il-Kummissjoni għalhekk tirrakkomanda li l-Kunsill jawtorizza l-ftuħ ta' nnegożjati mat-tmien Stati terzi li ġejjin:

Il-Bolivja

It-tiżiż tal-kooperazzjoni bejn l-Eurojust u l-Bolivja huwa strateġikament importanti b'mod partikolari fir-rigward tal-produzzjoni u t-traffikar tad-droga. Bħala t-tielet l-akbar produttur tal-kokaina fid-dinja, il-Bolivja tintuża bħala punt kritiku ta' tranżitu u portal għall-kuntrabandu tan-narkotiċi fl-Ewropa, li jiffaċilita l-operazzjonijiet tan-networks tal-kriminalità organizzata.

L-iżviluppi reċenti juru l-impenn qawwi tal-Bolivja li ssaħħa ir-rabtiet mal-Eurojust kemm fil-livell strateġiku kif ukoll f'dak operazzjonali. Il-Bolivja ħatret punt ta' kuntatt tal-Eurojust u pparteċipat f'diversi laqgħat operazzjonali u strateġiċi, u żjarat ta' studju fl-Eurojust. Il-Bolivja ngħatat prijorità fl-Istrateġija tal-Eurojust dwar il-Kooperazzjoni mas-Sħab Internazzjonali 2024-2027, li tirrifletti interessi kondiviżi fil-ġlieda kontra l-kriminalità relatata mad-droga. L-oqfsa eżistenti, bħall-Arranġament ta' Ħidma bejn il-Bolivja u l-Eurojust tal-2024, jipprovdu bażi solida għall-kollaborazzjoni ġudizzjarja. Barra minn hekk, il-Bolivja ħatret punt ta' kuntatt iddedikat tal-Eurojust, li jkompli jtejjeb l-effiċjenza tat-talbiet għal kooperazzjoni ġudizzjarja.

Il-pajjiż jipparteċipa wkoll b'mod attiv fil-mekkaniżmu għal kooperazzjoni msaħħa appoġġat mill-Eurojust u l-programm EL PAcCTO¹⁵. Din l-għodda tipprovdi qafas għal kooperazzjoni regolari ma' daww il-pajjiżi tal-Amerika Latina li ffirmaw arranġament ta' ħidma jew strument ieħor ta' kooperazzjoni mal-Eurojust. Il-mekkaniżmu fih kemm komponent Ewropew immexxi mill-Eurojust kif ukoll komponent intra-Latin Amerikan immexxi minn EL PAcCTO u l-uffiċċji tal-prosekuzzjoni tal-pajjiżi firmatarji.

Dan kollu jissottolinja r-rieda tal-Bolivja li tinvolvi ruħha f'inizjattivi tal-ġustizzja internazzjonali u tiżgura li l-kooperazzjoni operazzjonali tkun tista' tikkonforma mal-istandards tal-UE.

Il-Bolivja hija involuta wkoll b'mod attiv fin-networks ġudizzjarji reġjonali, inklużi IberRed u l-Assoċjazzjoni Ibero-Amerikana tal-Uffiċċji tal-Prosekuturi Pubbliċi (AIAMP), li ssaħħa għall-kooperazzjoni. L-Eurojust stabbiliet strumenti għall-kollaborazzjoni ma'

¹⁴ Iffirmati fit-23 ta' Settembru 2025, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni ta' Konklużjoni tiegħu fit-30 ta' Marzu 2026, ĠU L, 828, 15.4.2026: <http://data.europa.eu/eli/dec/2026/828/oj>.

¹⁵ EL PAcCTO huwa l-Programm ta' Assistenza Ewropa-Amerika Latina kontra l-Kriminalità Organizzata Tranżnazzjonali.

dawn in-networks, li jkomplu jsaħħu l-istatus tal-Bolivja bħala sieħba strateġikament importanti.

Il-Kanada

It-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-Eurojust u l-Kanada huwa ta' rilevanza strateġika u operazzjonali sinifikanti, b'mod partikolari fl-oqsma tat-traffikar tad-droga, il-frodi, il-ħasil tal-flus u ċ-ċiberkriminalità. Il-Kanada u l-Unjoni Ewropea ġew affettwati dejjem aktar minn reati sofistikati ffaċilitati miċ-ċibernetika li jitwettqu minn gruppi ta' kriminalità organizzata li joperaw madwar ir-reġjuni. Il-Kanada hija identifikata bħala sieħba ta' prijorità fl-Istrateġija tal-Eurojust dwar il-Kooperazzjoni mas-Sħab Internazzjonali 2024–2027, li tirrifletti interessi reċiproċi b'saħħithom fl-approfondiment tal-kollaborazzjoni ġudizzjarja.

Il-Kanada hija sieħba tal-istess fehma bi grad għoli ta' konverġenza regolatorja f'oqsma ewlenin, inklużi l-istat tad-dritt, id-drittijiet fundamentali u s-salvagwardji tal-protezzjoni tad-data. Il-kooperazzjoni eżistenti diġà hija robusta: il-Kanada tinsab fost l-ewwel għaxar pajjiżi terzi f'termini ta' talbiet għal kooperazzjoni ġudizzjarja mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea. Dan il-livell għoli ta' impenn operazzjonali jenfasizza l-ħtieġa li titħaffef il-kisba ta' evidenza u li jiġi ffaċilitat l-istazzjonar potenzjali ta' Prosekutur ta' Kollegament fl-Eurojust.

L-awtoritajiet Kanadiżi ħatru punt ta' kuntatt tal-Eurojust u pparteċipaw regolarment f'laqgħat operazzjonali organizzati f'investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet appoġġati mill-Eurojust ta' kriminalità serja u organizzata li jinvolvu lill-Istati Membri u lill-Kanada.

Iċ-Ċili

It-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-Eurojust u iċ-Ċili għandu importanza strateġika u operazzjonali notevoli, peress li iċ-Ċili qed jiġi affettwat dejjem aktar mit-traffikar tad-droga marbut ma' gruppi ta' kriminalità organizzata li joperaw fl-Unjoni Ewropea. Il-kooperazzjoni ġudizzjarja maċ-Ċili hija essenzjali wkoll biex jiġu indirizzati l-kriminalità organizzata kontra l-proprietà, iċ-ċiberkriminalità u l-ħasil tal-flus.

Iċ-Ċili ħatar punt ta' kuntatt tal-Eurojust u pparteċipa f'diversi laqgħat operazzjonali u strateġiċi, u żjarat ta' studju fl-Eurojust. Iċ-Ċili huwa maħtur bħala siehebb ta' prijorità fl-Istrateġija tal-Eurojust dwar il-Kooperazzjoni mas-Sħab Internazzjonali 2024–2027. F'Lulju 2024 sar pass kbir 'il quddiem, meta l-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali taċ-Ċili u l-Eurojust iffirmaw Arranġament ta' Ħidma. Dan l-arranġament jifformalizza l-użu tal-punti ta' kuntatt tal-Eurojust u jiżgura komunikazzjoni aktar mill-qrib u aktar effiċjenti biex jitħaffu t-talbiet għal kooperazzjoni ġudizzjarja fiż-żewġ direzzjonijiet. Minn dak iż-żmien 'l hawn, il-kooperazzjoni operazzjonali u strateġika ssaħħet u l-għadd ta' talbiet għal assistenza li jinvolvu liċ-Ċili u lill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea żdied b'mod esponenzjali. Iċ-Ċili sar il-koordinatur tal-Amerka Latina għall-2026 għall-mekkaniżmu għal kooperazzjoni msaħħa appoġġat mill-Eurojust u mill-programm EL PAcCTO.

Iċ-Ċili huwa involut b'mod attiv f'diversi networks ġudizzjarji reġjonali, inklużi IberRed u l-Assoċjazzjoni Ibero-Amerikana tal-Uffiċċji tal-Prosekuturi Pubbliċi (AIAMP). L-Eurojust stabbiliet strumenti ta' kooperazzjoni maż-żewġ networks. Dan l-impenn f'diversi livelli jkompli jsaħħaħ il-pedament għal kooperazzjoni approfondita maċ-Ċili. Huwa għandu interess qawwi fl-allinjament tal-istandards mal-Unjoni Ewropea, eż. l-allinjament tal-leġislazzjoni dwar il-protezzjoni tad-data mad-Direttiva dwar l-Infurzar tal-Liġi (bl-għajnuna ta' EL PAcCTO).

Il-Costa Rica

It-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-Eurojust u l-Costa Rica huwa ta' rilevanza operazzjonali dejjem akbar, b'mod partikolari minħabba l-esponiment dejjem akbar tal-Costa Rica għat-traffikar tad-droga u l-kriminalità organizzata, xprunat parzjalment mid-diversifikazzjoni tar-rotot tat-traffikar lejn l-UE u żieda usa' fl-attività kriminali organizzata. Barra minn hekk, il-pajjiż, flimkien mal-Panama, qed isir ċentru għall-kumpaniji privati li joffru servizzi diġitali u għalhekk jikkostitwixxi sieħeb ewlieni għall-Eurojust fir-rigward tal-evidenza diġitali.

Il-Costa Rica ħatret punt ta' kuntatt tal-Eurojust u pparteċipat f'diversi laqgħat operazzjonali u strateġiċi, u żjarat ta' studju fl-Eurojust. Il-Costa Rica wriet interess qawwi fl-approfondiment tal-kooperazzjoni mal-Eurojust u l-Unjoni Ewropea b'mod aktar wiesa'. Arranġament ta' Ħidma bejn il-Costa Rica u l-Eurojust ilu diġà fis-seħħ mill-2024, u l-iskambji reċenti ta' livell għoli jenfasizzaw dan l-impenn kif ukoll il-parteċipazzjoni fil-mekkaniżmu għal kooperazzjoni msahha¹⁶. Il-Prosekutur Ġenerali kien sieħeb attiv fil-promozzjoni ta' kooperazzjoni ġudizzjarja aktar mill-qrib.

Il-Costa Rica esprimiet ukoll interess li tirċievi assistenza teknika mill-Unjoni Ewropea biex tallinja l-istandards ġudizzjarji u tal-protezzjoni tad-data, filwaqt li kompliet tenfasizza r-rieda tagħha li ssaħħa il-kollaborazzjoni fi kwistjonijiet tal-ġustizzja kriminali.

L-Ekwador

It-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-Eurojust u l-Ekwador huwa kruċjali minħabba r-rwol tal-Ekwador bħala ċentru sinifikanti ta' produzzjoni u tranżitu għall-kokaina, li għandu impatt fuq is-suq Ewropew u s-sigurtà reġjonali. B'mod partikolari, fl-2022, l-Ekwador ħareġ bħala l-orijini ewlenija għall-vjeġġi tal-kokaina lejn l-Ewropa, li jagħmilha vitali għall-kollaborazzjoni strateġika fl-indirizzar tal-kriminalità organizzata u t-traffikar tal-armi tan-nar.

Meta titqies ir-rilevanza operazzjonali tiegħu, l-Ekwador ġie ddeżinjat bħala pajjiż ta' prijetà fl-Istrateġija tal-Eurojust dwar il-Kooperazzjoni mas-Sħab Internazzjonali għall-2024-2027. Din id-deżinjazzjoni tenfasizza l-interess dejjem jikber tal-Ekwador fit-tisħiħ tal-kooperazzjoni ġudizzjarja mal-Unjoni Ewropea. F'Lulju 2024, l-Ekwador ingħaqad mal-pajjiżi tal-Amerka Latina li ffirmaw Arranġament ta' Ħidma mal-Eurojust u nġhaqad mal-mekkaniżmu għal kooperazzjoni msaħħa. L-Ekwador ħatar punt ta' kuntatt tal-Eurojust u pparteċipa f'diversi laqgħat operazzjonali u strateġiċi, u żjarat ta' studju fl-Eurojust. Impenji reċenti, bħal diskussjonijiet ta' livell għoli jirriflettu l-approċċ proattiv tal-Ekwador biex jissaħħa r-rabtiet eżistenti. B'mod partikolari, l-Eurojust u s-Servizzi ta' Prosekuzzjoni Speċjalizzati kontra l-kriminalità organizzata (UNIDOT u FEDOTI¹⁷) u l-ħasil tal-flus qed isahha l-kooperazzjoni operazzjonali u strateġika tagħhom, inkluż fil-kuntest ta' miżuri ta' sigurtà msaħħa fil-portijiet tal-Ekwador biex jiġu miġġielda l-kriminalità organizzata u t-traffikar tad-droga.

¹⁶ Ara hawn fuq fil-parti dwar il-Bolivja.

¹⁷ Prosekuzzjoni tal-UNIDOT tirreferi għal proċedimenti legali mressqa mill-Unità Speċjalizzata Nazzjonali għall-Investigazzjoni kontra l-Kriminalità Organizzata Tranżnazzjonali tal-Ekwador (BI-Ispanjol: *Unidad Nacional de Investigación contra la Delincuencia Organizada Transnacional*; FEDOTI huwa l-Uffiċċju tal-Prosekutur Speċjalizzat għall-Kriminalità Organizzata Tranżnazzjonali u Internazzjonali.

L-Ekwador esprima wkoll interess fl-allinjament tal-istandards tiegħu ma' dawk tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari fil-qasam tal-protezzjoni tad-data. Ftehim internazzjonali dwar il-kooperazzjoni mal-Europol, li daħal fis-seħħ reċentement, inklużi dispożizzjonijiet komprensivi dwar il-protezzjoni tad-data, ikompli juri dan l-impenn.

Il-Panama

Il-kooperazzjoni ġudizzjarja mal-Panama hija ta' rilevanza operazzjonali konsiderevoli, b'mod partikolari fir-rigward tat-traffikar tad-droga, iċ-ċiberkriminalità, il-kriminalità kontra l-proprjetà, il-frodi, u l-ħasil tal-flus. Il-Panama spiss tintuża minn gruppi ta' kriminalità organizzata għar-reġistrazzjoni u l-operat ta' kumpaniji fittizji involuti fil-ħasil tal-flus, u sservi bħala punt ta' tranżitu ewlieni għad-drogi ttrasportati mill-Amerka t'Isfel lejn l-Ewropa.

Il-Panama ħatret punt ta' kuntatt tal-Eurojust u pparteċipat f'diversi laqgħat operazzjonali u strateġiċi u żjarat ta' studju fl-Eurojust. L-Eurojust appoġġat diversi investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea bl-involvement tal-Panama, bl-awtoritajiet tal-Panama jikkollaboraw mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali permezz tal-Eurojust u jipparteċipaw b'mod attiv f'laqgħat ta' koordinazzjoni.

Barra minn hekk, il-Panama u l-Eurojust qed jikkollaboraw mill-qrib biex jindirizzaw l-isfidi u jiskambjaw l-aħjar prattiki fil-kuntest tal-evidenza elettronika u l-kumpaniji privati li joffru servizzi diġitali. Operazzjonalment, l-għadd ta' każijiet li jinvolvu l-Panama żdied b'ħames darbiet f'dawn l-aħħar sentejn, iżda żieda ulterjuri teħtieġ il-possibbiltà ta' skambji sistematiki ta' data personali.

Il-Panama hija ddeżinjata bħala sieħba ta' prijorità skont l-Istrateġija tal-Eurojust dwar il-Kooperazzjoni mas-Sħab Internazzjonali 2024–2027. Fl-2024, l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali tal-Panama u l-Eurojust iffirmaw Arranġament ta' Ħidma, li jifformalizza l-użu tal-punti ta' kuntatt tal-Eurojust u jiżgura komunikazzjoni aktar mill-qrib biex jitħaffu t-talbiet għal kooperazzjoni ġudizzjarja fiż-żewġ direzzjonijiet.

Il-Panama hija wkoll parti minn diversi networks ġudizzjarji reġjonali, b'mod partikolari IberRed u l-Assoċjazzjoni Ibero-Amerikana tal-Uffiċċji tal-Prosekuturi Pubbliċi (AIAMP), li magħha l-Eurojust stabbiliet strumenti ta' kooperazzjoni. L-UPPE ffirmat Memorandum ta' Qbil mal-AIAMP u arranġament ta' ħidma mal-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali tan-Nazzjon, li jkompli jsaħħaħ l-importanza tal-Panama bħala sieħba ta' kooperazzjoni reġjonali. Il-Panama għandha interess li tallinja l-istandards mal-Unjoni Ewropea, eż. dwar il-protezzjoni tad-data.

Il-Perù

Il-kooperazzjoni ġudizzjarja mal-Perù hija rilevanti ħafna. Bħala t-tieni l-akbar produttur tal-kokaina fid-dinja u sors ewlieni ta' drogi ttraffikati fl-Unjoni Ewropea, l-isforzi ta' kooperazzjoni jiffokaw primarjament fuq il-ġlieda kontra t-traffikar tad-droga, filwaqt li jindirizzaw ukoll il-kriminalità tal-proprjetà, il-ħasil tal-flus u ċ-ċiberkriminalità. Il-Perù huwa inkluż bħala sieħeb ta' prijorità fl-Istrateġija tal-Eurojust dwar il-Kooperazzjoni mas-Sħab Internazzjonali 2024–2027.

Il-Perù wera interess qawwi fil-kooperazzjoni mal-Eurojust. Fl-2024, l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali tal-Perù u l-Eurojust iffirmaw Arranġament ta' Ħidma, u l-iskambji reċenti ta' livell għoli jissottolinjaw l-impenn tiegħu li jsaħħaħ il-kooperazzjoni. Il-Perù ħatar punt ta' kuntatt

tal-Eurojust u pparteċipa f'laqgħat strateġiċi u operazzjonali u żjarat ta' studju fl-Eurojust. L-awtoritajiet kompetenti qed jipparteċipaw ukoll b'mod attiv fil-mekkaniżmu għall-kooperazzjoni msaħħa, li jwassal biex għexieren ta' investigazzjonijiet attivi jiġu appoġġati mill-Eurojust fl-2025 fuq talba tal-awtoritajiet Peruvjani.

Minkejja l-bidliet fil-gvern minn dak iż-żmien 'l hawn, il-Perù huwa involut ukoll fi djalogu għal ftehim internazzjonali dwar il-kooperazzjoni mal-Europol u talab assistenza teknika mill-Kummissjoni biex jallinja l-istandards tal-infurzar tal-liġi tiegħu mar-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-data tal-Unjoni Ewropea.

Il-Perù huwa involut ukoll b'mod attiv fin-networks ġudizzjarji reġjonali, b'mod partikolari l-IberRed u l-Assoċjazzjoni Ibero-Amerikana tal-Uffiċċji tal-Prosekuturi Pubbliċi (AIAMP), li magħhom l-Eurojust stabbiliet strumenti ta' kooperazzjoni.

Emirati Għarab Magħquda (UAE)

Il-kooperazzjoni ġudizzjarja mal-Emirati Għarab Magħquda (EGħM) hija prinċipalment relatata mal-frodi, speċjalment il-frodi tal-VAT, it-traffikar tad-droga, il-ħasil tal-flus, il-kriminalità kontra l-proprjetà u ċ-ċibekriminalità. Għadd konsiderevoli ta' gruppi tal-kriminalità organizzata mmirati lejn l-Unjoni Ewropea jidhru li huma bbażati fl-EGħM, li spiss iservu bħala bażi għat-tmexxija jew l-operazzjonijiet remoti ta' dawn in-networks, inkluż it-traffikar tad-droga, il-ħasil tal-flus u s-sistema bankarja sotterranea.

Skont l-Istrateġija tal-Eurojust dwar il-Kooperazzjoni mas-Sħab Internazzjonali 2024–2027, il-pajjiż għandu rilevanza operazzjonali għolja ħafna fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata. L-awtoritajiet tal-EGħM ipparteċipaw f'diversi laqgħat operazzjonali u strateġiċi, u żjarat ta' studju fl-Eurojust. L-EGħM ħatru punt ta' kuntatt tal-Eurojust u wrew impenn qawwi għall-kooperazzjoni mal-Eurojust, kif muri mill-involviment tagħha matul il-missjoni ta' Tim Ewropa f'April 2025, il-parteeipazzjoni f'Workshop konġunt ta' Esperti f'Lulju 2025, fejn intlaħaq qbil dwar passi konkreti biex tkompli tiġi approfondita l-kooperazzjoni. Qed jittejjja Arranġament ta' Ħidma mal-Eurojust, inkluż l-istazzjonar ta' Punt ta' Kuntatt Residenti fl-Aja. Dawn l-inizjattivi jenfasizzaw id-dedikazzjoni tal-pajjiż biex jaġixxi bħala sieħeb affidabbli fil-ġlieda kontra l-kriminalità tranżnazzjonali flimkien mal-Unjoni Ewropea.

• **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat**

Din ir-Rakkomandazzjoni hija konsistenti mal-politika eżistenti tal-Unjoni fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja bejn l-Eurojust u pajjiżi terzi.

Sar progress biex jitjieb l-iskambju ta' informazzjoni u l-kooperazzjoni fost l-Istati Membri kif ukoll bejn l-aġenziji tal-Unjoni u pajjiżi terzi. Ir-Regolament (UE) 2023/2131 li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1727 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/ĠAI, fir-rigward tal-iskambju ta' informazzjoni diġitali f'każijiet ta' terroriżmu¹⁸, isaħħaħ il-qafas għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi min-naħa tal-Eurojust billi jipprevedi bażi legali għall-issekondar ta' prosekutur ta' kollegament ta' pajjiż terz lill-Eurojust u għall-kooperazzjoni mal-Eurojust.

¹⁸ Ir-Regolament (UE) 2023/2131 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Ottubru 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/ĠAI, fir-rigward tal-iskambju ta' informazzjoni diġitali f'każijiet ta' terroriżmu. ĠU L, 2023/2131, 11.10.2023, <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2131/oj>.

Barra minn hekk, ir-Regolament (UE) 2022/838 li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1727 fir-rigward tal-ġbir, il-preservazzjoni u l-analiżi fil-Eurojust ta' evidenza relatata ma' ġenoċidju, delitti kontra l-umanità u delitti tal-gwerra,¹⁹ għandu rabta qawwija mal-pajjiżi terzi. Iż-żewġ atti leġislattivi jenfasizzaw l-importanza ta' kooperazzjoni mill-qrib mal-pajjiżi terzi għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' delitti serji.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Minbarra l-Istrateġija tal-UE biex tiġi miġġielda l-Kriminalità Organizzata (2021–2025) imsemmija hawn fuq u l-Istrateġija ta' Sigurtà Interna ProtectEU²⁰, referenzi simili għall-importanza tal-Eurojust u r-rwol vitali tagħha fil-kooperazzjoni ġudizzjarja transfruntiera huma inklużi f'dokumenti ta' politika tematiċi oħra wkoll, bħall-Istrateġija tal-UE dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar tal-Bnedmin²¹; l-Aġenda tal-UE kontra t-Terroriżmu²² u l-Aġenda u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Droga²³.

F'konformità ma' dawn id-dokumenti strateġiċi, il-kooperazzjoni internazzjonali ssaħħet ukoll fil-qasam tal-infurzar tal-liġi. Abbażi tal-awtorizzazzjoni tal-Kunsill²⁴, il-Kummissjoni nnegożjat ftehim dwar l-iskambju ta' data personali mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (il-Europol).

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi legali sostantiva**

Ir-Regolament (UE) 2018/1727 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust) jistabbilixxi qafas ġuridiku għal Eurojust, b'mod partikolari l-oġettivi, il-kompiti, l-ambitu tal-kompetenza tagħha, id-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-data u modi ta' kooperazzjoni ma' sħab esterni.

L-oġettiv ta' din ir-Rakkomandazzjoni huwa li tikseb l-awtorizzazzjoni mill-Kunsill biex il-Kummissjoni tinneogzja ftehim futur f'isem l-Unjoni. Minħabba li l-oġettiv ewlieni tal-ftehim huwa li tissaħħa il-kooperazzjoni ġudizzjarja bejn l-Eurojust u l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi terzi rispettivi fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja permezz tal-iskambju ta' data personali, il-bażijiet legali sostantivi għall-Kunsill biex jawtorizza l-ftuħ tan-negożjati huma l-Artikoli 16(2) u 85.

- **Bażi legali proċedurali**

L-Artikolu 218(3) TFUE jipprevedi li, meta l-ftehim previst ma jkunx jirrigwarda esklużivament jew prinċipalment il-politika estera u ta' sigurtà komuni, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill. Il-Kunsill għandu jadotta deċiżjoni li

¹⁹ Ir-Regolament (UE) 2022/838 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2022 li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1727 fir-rigward tal-preservazzjoni, l-analiżi u l-ħżin fil-Eurojust ta' evidenza relatata ma' ġenoċidju, delitti kontra l-umanità, delitti tal-gwerra u reati kriminali relatati.

²⁰ Ara n-Nota tal-qiegħ il-paġna. 1 u 2.

²¹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni – Strateġija tal-UE dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar tal-Bnedmin 2021-2025 (COM (2021) 171 final).

²² Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni – ProtectEU: Aġenda għall-Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra t-Terroriżmu, 26.2.2026 (COM(2026) 101 final).

²³ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni – L-Aġenda u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Droga 2021–2025 (COM(2020)606 final).

²⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 7047/20, it-23 ta' April 2020, u d-Dokument tal-Kunsill CM 2178/20, it-13 ta' Mejju 2020.

tawtorizza l-ftuħ tan-negożjati u li tinnomina n-negożjatur tal-Unjoni jew il-kap tat-tim tan-negożjati tal-Unjoni.

L-Artikolu 218(4) TFUE jipprevedi li l-Kunsill jista' jindirizza direttivi ta' negożjati lin-negożjatur u jaħtar kumitat speċjali biex jikkonsulta lin-negożjatur.

Il-Kummissjoni tirrakkomanda li jinfetħu negożjati għal Ftehimiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-Bolivja, il-Kanada, iċ-Ċili, il-Costa Rica, l-Ekwador, il-Panama, il-Perù u l-Emirati Għarab Magħquda dwar il-kooperazzjoni bejn l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust) u l-awtoritajiet ta' daww l-Istati terzi kompetenti għall-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali. Il-Kummissjoni għandha tiġi nnominata bħala negożjatur.

Il-bażi legali proċedurali għad-deċiżjoni proposta li tawtorizza l-ftuħ tan-negożjati tal-ftehim previst hija l-Artikolu 218(3) u (4) tat-TFUE.

- **L-għażla ta' negożjatur**

Peress li l-ftehim previst jkopri esklużivament materji li ma jkunux il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tinħatar bħala n-negożjatur skont l-Artikolu 218(3) tat-TFUE.

- **Kompetenza tal-Unjoni**

L-Unjoni għandha l-kompetenza li tiddetermina l-istruttura, l-operat, il-qasam ta' azzjoni u l-kompiti tal-Eurojust kif ukoll li tipprevedi salvagwardji li jikkonċernaw il-protezzjoni tad-data personali, dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja ma' pajjiżi terzi.

Ir-Regolament tal-Eurojust jistabbilixxi regoli speċifiċi dwar it-trasferimenti ta' data personali mill-Eurojust barra mill-Unjoni Ewropea. L-Artikolu 56(2) tiegħu jelenka sitwazzjonijiet li fihom il-Eurojust tista' tittrasferixxi legalment data personali lill-awtoritajiet ġudizzjarji tal-pajjiżi terzi. Mid-dispożizzjoni jirriżulta li għal trasferimenti strutturali ta' data personali mill-Eurojust lejn il-pajjiżi terzi rispettiv, hija meħtieġa l-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali vinkolanti rispettiv bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi terzi, li jagħtu prova ta' salvagwardji adegwati fir-rigward tal-protezzjoni tal-privatezza u drittijiet u libertajiet fundamentali oħra tal-individwi. F'konformità mal-Artikolu 3(2) TFUE, il-ftehim futur għalhekk jaqa' taħt il-kompetenza esterna esklużiva tal-Unjoni.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

M/A

- **Proporzjonalità**

L-oġettivi tal-Unjoni fir-rigward ta' din ir-rakkomandazzjoni għal deċiżjoni tal-Kunsill kif stabbilit hawn fuq jistgħu jinkisbu biss billi jsiru ftehimiet internazzjonali vinkolanti li jipprevedu l-miżuri ta' kooperazzjoni meħtieġa, filwaqt li tiġi żgurata protezzjoni xierqa tad-drittijiet fundamentali. Kif minqux fir-Regolament (UE) 2018/1727 dwar l-Eurojust, anke d-dispożizzjonijiet tal-ftehim futur se jkunu limitati għal dak li huwa meħtieġ biex jintlaħqu l-oġettivi ewlenin tagħha. L-azzjoni unilaterali tal-Istati Membri lejn il-pajjiżi terzi ma tirrappreżentax alternattiva, peress li l-Eurojust għandha rwol uniku. L-azzjoni unilaterali lanqas ma tipprovdi bażi suffiċjenti għall-kooperazzjoni ġudizzjarja bejn il-Eurojust u l-pajjiżi terzi u ma tiżgurax il-protezzjoni neċessarja tad-drittijiet fundamentali.

- **Għażla tal-istrument**

Din ir-Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill qed issir f'konformità mal-Artikolu 218(3) u (4) TFUE, li jipprevedu l-adozzjoni mill-Kunsill ta' deċiżjoni li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati u li taħtar in-negozjatur tal-Unjoni. Il-Kunsill jista' jindirizza wkoll id-direttivi ta' negozjati lin-negozjatur. Ma jeżisti l-ebda strument legali ieħor li jista' jintuża sabiex jintlaħaq l-oġettiv espress f'din ir-rakkomandazzjoni.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

M/A

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

M/A

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Il-ġbir ta' għarfien espert kien ibbażat fuq il-kontribut operazzjonali riċevut mill-Eurojust.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

M/A

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

M/A

- **Drittijiet fundamentali**

Jenħtieġ li l-Ftehim jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta, b'mod partikolari d-dritt għall-ħajja privata u familjari, rikonoxxut fl-Artikolu 7 tal-Karta, id-dritt għall-protezzjoni tad-data personali, rikonoxxut fl-Artikolu 8 tal-Karta u d-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust rikonoxxut mill-Artikolu 47 tal-Karta. Barra minn hekk, kwalunkwe skambju ta' informazzjoni li jwassal għal trattament u pjeni inumani u degradanti, u jekk applikabbli relatat ma' piena tal-mewt, huwa pprojbit.

L-iskambju ta' data personali u l-ipproċessar tagħha mill-awtoritajiet ta' pajjiż terz jikkonċernaw id-drittijiet fundamentali għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data. F'dak ir-rigward, il-ftehim se jiżgura l-applikazzjoni ta' salvagwardji adegwati għad-data personali ttrasferita skont il-ftehim, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni.

B'mod partikolari, l-eżerċitar ta' ċerti drittijiet individwali jista' jiġi ttardjat, limitat jew irrifjutat biss sa fejn ikun meħtieġ u proporzjonat, filwaqt li jitqiesu d-drittijiet fundamentali u l-interessi tas-suġġett tad-data, għal raġunijiet importanti ta' interess pubbliku, b'mod partikolari biex jiġi evitat dannu għal investigazzjoni jew prosekuzzjoni kriminali li tkun għaddejja.

Barra minn hekk, il-ftehim se jiggarantixxi li l-iskambju tad-data personali bejn il-Eurojust u l-pajjiżi terzi jkun konsistenti kemm mal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni u mal-Artikolu

52(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea²⁵, li jiżguraw li l-interferenzi mad-drittijiet fundamentali garantiti mill-Karta jkunu limitati għal dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu għenwinament l-oġettivi ta' interess ġenerali mfittxija, soġġett għall-prinċipju ta' proporzjonalità.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Ma hemm l-ebda implikazzjoni baġitarja għall-baġit tal-Unjoni.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Ser ikun hemm rappurtar u informazzjoni regolari lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

M/A

- **Spjegazzjoni dettaljata tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tar-rakkomandazzjoni**

Din ir-rakkomandazzjoni tagħti l-awtorizzazzjoni lill-Kummissjoni biex tinneogħja. Din tistabbilixxi wkoll linji gwida għan-negożjati.

²⁵ Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, *ĠU C 202*, 7.6.2016, http://data.europa.eu/eli/treaty/char_2016/oj.

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għal ftehimiet bejn l-Unjoni u l-Bolivja, il-Kanada, iċ-Ċili, il-Costa Rica, l-Ekwador, il-Panama, il-Perù u l-Emirati Għarab Magħquda dwar kooperazzjoni bejn l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust) u l-awtoritajiet kompetenti għall-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali ta' dawk l-Istati terzi

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 16(2) u 85, flimkien mal-Artikoli 218(3) u (4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ ġie adottat fl-14 ta' Novembru 2019 u huwa applikabbli mit-12 ta' Diċembru 2019.
- (2) Skont l-Artikolu 52 tar-Regolament (UE) 2018/1727, l-Eurojust tista' tistabbilixxi u żżomm kooperazzjoni ma' awtoritajiet ta' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali. Għal dak l-għan, il-Eurojust għandha tħejji strateġija ta' kooperazzjoni kull 4 snin b'konsultazzjoni mal-Kummissjoni, li tispjega l-pajjiżi terzi u l-organizzazzjonijiet internazzjonali li fir-rigward tagħhom hemm hteġa operazzjonali għal kooperazzjoni. Għaldaqstant, l-Eurojust ħejjiet tali strateġija ta' kooperazzjoni għall-perjodu 2024–2027, b'konsultazzjoni mal-Kummissjoni.
- (3) Ir-Regolament (UE) 2018/1727, b'mod partikolari l-Artikolu 56 tiegħu, jistipula l-prinċipji ġenerali għat-trasferiment ta' data personali mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust) lil pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali. Il-Eurojust tista' tittrasferixxi data personali lil pajjiżi terzi abbażi ta' ftehim internazzjonali konkluż bejn l-Unjoni u dak il-pajjiżi terz skont l-Artikolu 218 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea li jipprevedi salvagwardji adegwati fir-rigward tal-protezzjoni tal-privatezza u d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-individwi.
- (4) Jenħtieġ li jinfetħu negozjati bil-ħsieb li jiġu konklużi tali ftehim bejn l-Unjoni u l-Bolivja, il-Kanada, iċ-Ċili, il-Costa Rica, l-Ekwador, il-Panama, il-Perù u l-Emirati Għarab Magħquda. L-għażla ta' dawk il-pajjiżi hija bbażata fuq valutazzjoni tal-ħtiġijiet operazzjonali identifikati eż. fl-Istrateġija tal-Eurojust dwar il-kooperazzjoni mas-sħab internazzjonali 2024-2027, il-ħtieġa li tiġi żgurata l-konsistenza mal-kooperazzjoni ma' aġenziji u korpi oħra tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni bħall-

¹ Ir-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust), u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/ĠAI (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 138, <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1727/oj>).

Europol, u l-interessi strateġiċi relatati mas-sigurtà tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari fl-oqsma tal-kriminalità organizzata u t-traffikar tad-droga.

- (5) Jenħtieġ li l-ftehim ma' daww il-pajjiżi jipprovdi bażi legali għall-iskambju sistematiku ta' data personali u l-issekondar ta' Prosekuturi ta' Kollegament, għodod li mhumiex disponibbli permezz tal-arranġamenti ta' hídma tal-Eurojust stess.
- (6) Jenħtieġ li l-Kummissjoni, fejn meħtieġ, tikkonsulta lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (KEPD), inkluż matul in-negozjati tal-ftehim, u, fi kwalunkwe każ, jenħtieġ li tikkonsulta lill-KEPD qabel ma jiġi konkluż il-ftehim.
- (7) Jenħtieġ li l-ftehimiet jirrispettaw id-drittijiet fundamentali u josservaw l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari d-dritt għall-ħajja privata u familjari, rikonoxxut fl-Artikolu 7 tal-Karta, id-dritt għall-protezzjoni tad-data personali, rikonoxxut fl-Artikolu 8 tal-Karta u d-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust rikonoxxut mill-Artikolu 47 tal-Karta. Barra minn hekk, kwalunkwe skambju ta' informazzjoni li jwassal għal trattament u pieni inumani u degradanti, u jekk applikabbli relatat ma' piena tal-mewt, huwa pprojbit. Jenħtieġ li l-ftehim jiġi applikat f'konformità ma' dawn id-drittijiet u l-prinċipji.
- (8) Jenħtieġ li l-ftehim ma jaffettwax it-trasferiment ta' data personali jew forom oħra ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet responsabbli għas-salvagwardja tas-sigurtà nazzjonali u jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għalihom.
- (9) L-Irlanda hija marbuta bir-Regolament (UE) 2018/1727 u għalhekk tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.
- (10) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qiegħda tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.
- (11) Il-KEPD ġie kkonsultat dwar din id-Deċiżjoni u l-Anness tagħha u ħareġ opinjoni fi (data),

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-ftuħ ta' negozjati għal ftehim internazzjonali bejn l-Unjoni u l-Bolivja, il-Kanada, iċ-Ċili, il-Costa Rica, l-Ekwador, il-Panama, il-Perù u l-Emirati Għarab Magħquda dwar kooperazzjoni bejn l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust) u l-awtoritajiet kompetenti għall-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali ta' daww l-Istati terzi qed jiġi awtorizzat.

Artikolu 2

Il-Kummissjoni hija b'dan innominata bħala n-negozjatur tal-Unjoni.

Artikolu 3

Id-direttivi ta' negozjati li jinsabu fl-Anness għal din id-Deċiżjoni huma indirizzati lill-Kummissjoni.

Artikolu 4

In-negozjati għandhom isiru f'konsultazzjoni mal-[korp preparatorju tal-Kunsill], li huwa maħtur bħala l-kumitat speċjali kif previst fl-Artikolu 218(4) tat-TFUE.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President